**6 ta' Frar, 1996**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. Hist.S.**

L-Avukat Dottor Anthony J. Vella *noe*

*versus*

Joseph Micallef

## L-Istitut tal-Kontumaċja

*L-Istitut tal-kontumaċja huwa bbażat fuq il-presuppost illi l-konvenut bin-nuqqas tiegħu wera kontumelja u dispett għas-sejħa tal-Qorti u hija din id-diżubbidjenza, animata psikoloġikament b'dawk il-fatturi ta' kontumelja u dispett, li l-liġi trid tirreprimi u tippunixxi, inkwantu kontumaċja bħal dik hi element ta' diżordni soċjali.*

*Meta Qorti tkun konfrontata b'kontumaċja formali u ma jkollhiex ukoll il-konvinzjoni ċerta u soda ta' dan l-aspett negattiv tan-nuqqas tal-konvenut, allura jkun meħtieġ eżami ulterjuri tal-fatturi l-oħra neċessarji biex dik il-konvinzjoni tkun formata.*

Il-Qorti:-

Fit-18 ta' Ottubru, 1995 l-Onorabbli Qorti Ċivili, Prim'Awla ippronunzjat din is-sentenza:

"Il-Qorti, rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur *nomine* li biha wara li

ppremetta:

Li l-konvenut huwa debitur ta' l-attur *nomine* tas-somma ta' l-ekwivalenti f'liri maltin ta' disat elef, erba' mija u ħamsa u disgħin lira sterlini u disgħa u ħamsin *pence* (Stg.9,495.59), kif jidher minn *statement* hawn anness u mmarkat Dok "A";

*Omissis*;

Li l-ammont hu ċert, likwidu u dovut u jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi a tenur ta' l-artikoli 167-170 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

*Omissis*;

Talab li l-konvenut jgħid għaliex, għar-raġunijiet premessi m'għandhiex din il-Qorti:

Tipproċedi għas-sentenza skond it-talba ta' l-istanti, b'dispensa għas-smigħ tal-kawża *ai termini* ta' l-artikoli 167-170 tal-Kodiċi tal- Proċedura Ċivili;

Tikkundannah iħallas is-somma ekwivalenti f'liri maltin ta' disat elef, erba' mija u ħamsa u disgħin liri sterlini u disgħa u ħamsin *pence* (Stg.9,495.59);

*Omissis*;

Rat li l-konvenut debitament notifikat fiż-żmien preskritt mil-liġi baqa' kontumaċi u fis-seduta tal-lum imsejjaħ tliet darbiet lanqas ma deher;

Peress li, fiċ-ċirkostanzi, t-talba kif dedotta fiċ-ċitazzjoni tidher ġustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tingħata llum stess, bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża, skond il-proċedura ta' l-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Tiddeċidi billi tilqa' t-talba ta' l-attur *nomine*, kif dedotta fiċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż kontra l-konvenut";

Il-konvenut ħassu aggravat minn din is-sentenza u wara li indika l-aggravji tiegħu u rriserva li jġib il-provi kollha lilu permessi mil-liġi fl-istadju ta' l-appell, talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilqa' l-aggravji tiegħu u tiċħad it-talbiet ta' l-attur *nomine* - bl-ispejjeż;

L-attur appellat irrisponda li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma għar-raġunijiet li espona fir-risposta tiegħu u għalhekk talab li l-appell interpost mill-konvenut jiġi miċħud u s-sentenza appellata tiġi kkonfermata bl-ispejjeż;

Bl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant qiegħed jikkontesta l-konklużjoni ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti li huwa ma kienx preżenti għas-seduta li huwa baqa' kontumaċi. L-appellant, fir-rikors ta' l-appell tiegħu spjega dan l-aggravju hekk:

"Illi hu deher qabel ma ġiet ippronunzjata s-sentenza permezz tad-difensur tiegħu li nforma lill-Ewwel Onorabbli Qorti li kellu eċċezzjonijiet xi jressaq iżda f'dan l-istadju l-Onorabbli Qorti nfurmatu li l-kawża kienet diġa` ssejħet u tħalliet għas-sentenza billi hu ma kienx deher fil-ħin;

*Omissis*;

Illi l-appellat ikkontesta dana l-aggravju u ssottometta li l-ilment ta' l-appellant ma jistax jintlaqa' billi meta ssejħet il-kawża huwa ma kienx preżenti fl-Awla. L-appellat żied jgħid li:

"Id-disposizzjonijiet tal-proċedura sommarja fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili huma ċari f'dan ir-rigward u l-fatt li l-konvenut appellant ma deherx fl-Awla ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti ma tikkostitwixxi xejn għajr kontumaċja da parti tiegħu u xejn aktar;

Għaldaqstant l-esponenti jissottometti bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti li l-kontumaċja tal-konvenut appellant ma tagħtihx fakolta' li jitressqu provi ulterjuri minn dawk ġa' mressqa quddiem l-Ewwel Qorti";

Illi minn eżami ta' l-atti tal-proċess jirriżulta li:

*Omissis*;

Fl-udjenza tat-18 ta' Ottubru, 1995 ġie rreġistrat dan il-verbal:

"Meta ssejħet il-kawża ma deher ħadd. Il-konvenut imsejjaħ tliet darbiet ma deherx;

Il-kawża ġiet posposta għas-sentenza;

Meta reġgħet issejħet il-kawża ma deher ħadd;

Il-kawża ġiet deċiża";

Illi minħabba l-fattispeċje partikolari tal-każ odjern din il-Qorti deħrilha li kellha tippermetti lill-konvenut appellant li jagħti x-xhieda tiegħu dwar dak li ġara fl-udjenza tat-18 ta' Ottubru, 1995. Minn dik ix-xhieda, li ma ġietx kontradetta bl-ebda xhieda oħra, jirriżulta soddisfaċentement li l-konvenut kien inkariga Avukat qabel l-appuntament tal-kawża sabiex jiddefendih. Irriżulta ukoll li l-konvenut attenda fit-18 ta' Ottubru, 1995 fil-Qorti, eżattament fl-Awla li fiha kienet sejra tinstema' l-kawża, sa mill-bidu nett li beda jaħdem l-Imħallef fl-istess Awla. *Il-konvenut xehed li ma* semax ismu jissejjaħ, u b'hekk ma indunax li l-kawża tiegħu kienet sejra tiġi trattata. Kien biss meta ġie l-Avukat tiegħu fl-Awla *li l-*konvenut ġie mgħarraf li l-kawża tiegħu kienet saret;

A bażi ta' *din* il-prova ma jidhirx li l-konvenut kien verament kontumaċi fis-sens tal-liġi. Kif kellha okkażjoni tosserva din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-21 ta' Mejju, 1993, fil-kawża **Joseph Vella *pro et noe vs* John Vella** l-istitut tal-kontumaċja huwa bbażat fuq il-presuppost illi l-konvenut bin-nuqqas tiegħu wera kontumelja u dispett għas-sejħa tal-Qorti u hija din id-diżubbidjenza, animata psikoloġikament b'dawk il-fatturi ta' kontumelja u dispett, *li l-liġi* trid tirreprimi u tippunixxi, inkwantu kontumaċja bħal dik hi element ta' disordni soċjali. F'dik is-sentenza ġie ribadut ukoll li meta kwalsiasi Qorti tiġi kkonfrontata b'kontumaċja formali u ma jkollhiex ukoll il-konvinzjoni ċerta u soda ta' dan l-aspett negattiv tan-nuqqas tal-konvenut, allura jkun meħtieġ eżami ulterjuri tal-fatturi l-oħra neċessarji biex dik il-konvinzjoni tiġi fformata. Il-Qorti osservat li hekk kienet titlob ir-raġuni ġuridika ta' sitwazzjoni fejn il-konvenut se jiġi kkundannat fl-assenza ta' difiża;

Issa fil-każ odjern l-Ewwel Onorabbli Qorti ppronunzjat is-sentenza tagħha fl-udjenza tat-18 ta' Ottubru, 1995 fuq il-bażi li l-

konvenut baqa' kontumaċi u ma deherx għall-udjenza meta, **bħala fatt**, irriżulta lil din il-Qorti li huwa kien deher iżda ma ndunax li l-kawża tiegħu kienet issejħet. Irriżulta ukoll li hu kien qabbad avukat proprju biex jikkontestalu l-kawża iżda dan l-avukat sfortunatament ma kienx preżenti meta ssejħet il-kawża għaliex kien impenjat band'oħra. L-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħetx issejjaħ lil dan l-avukat għaliex la darba l-konvenut ma ndunax li l-kawża tiegħu ssejħet huwa ma setax jindika isem l-Avukat lill-Qorti. Pero' għandu jiġi rrilevat li trattandosi ta' kawża istitwita bil-proċedura sommarja, l-obbligu tal-konvenut sa dakinhar kien li jidher personalment fil-Qorti biex juri li jrid jikkonstata ċ-ċitazzjoni u dana l-obbligu l-konvenut issodisfah;

Konsegwentement, minħabba ċ-ċirkostanzi li okkorrew dakinhar, il-Qorti ma setgħetx tagħti smigħ xieraq lill-konvenut u dan id-difett jirrendi s-sentenza appellata bħala waħda nulla u li għalhekk hemm lok għar-revoka tagħha;

Una volta li din il-Qorti waslet għal din il-konklużjoni, ma hemm l-ebda skop li jiġu investigati l-aggravji l-oħra ssollevati mill-appellant;

Għal dawn il-motivi:

Tilqa' l-appell tal-konvenut, tirrevoka s-sentenza appellata li qiegħda tiġi ddikjarata nulla u bla effett fil-liġi u tordna li l-atti tal-kawża jintbagħtu lura lill-Ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni u eventwali deċiżjoni skond il-liġi;

Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu

bin-nofs bjen il-kontendenti.